MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 279/2008

**Polidano Brothers Limited**
**(C-8884)**

**Vs**

**Emanuel Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta` April, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, mitejn u hames Euro u erbgha u sittin centezmu (Euro 1205.64c) oltre l-VAT rapprezentanti valur ta` materjal fornut lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra li ghalkemm regolarment notifikat, il-konvenut baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Gie notat illi l-konvenut baqa` ma deherx la fis-seduta tas-16 ta` Mejju, 2008 meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum u ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u kwindi ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro 1205.64c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------